MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Numru. 337/2009

**Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Peter Paul Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Peter Paul Agius li gie akkuzat talli nhar id-09.04.2009 ghal habta ta’ 21:45 hrs u fil-hinijiet ta’qabel fi Triq ir-Repubblika, Rabat Ghawdex saq vettura ABR 283 ta’ ghamla Toyota:

1. b’manjiera traskurata, perikoluza u negligenti
2. aktar talli saq l-imsemmija vettura u qabez il-linji kontinwi li hemm fl-imsemmija triq.

3. aktar talli saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura msemmija fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li isuq minhabba xorb.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi mit-trattazzjoni tal-kawza kif ukoll mix-xhieda tal-imputat jirrizulta illi hemm ammissjoni fir-rigward tat-tieni akkuza kif ukoll dwar l-akkuza tas-sewqan traskurat. Ma hemmx dubbju illi l-imputat qasam fuq in-naha l-ohra tat-triq kontra l-*flow of traffic* u ipparkja fid-direzzjoni l-hazina meta waqqaf quddiem l-ghassa tal-pulizija. Huwa jikkontendi illi f'dak il-hin traffiku ma kienx ghaddej u kwindi s-sewqan tieghu ma kienx wiehed perikoluz.

Id-difiza madanakollu qed tikkontesta t-tielet akkuza u dana billi t-test tal-breathalyzer ma giex ezegwit darbtejn skond il-ligi u inoltre r-rizultat tat-test li huwa esebit fl-atti bhala Dokument C lanqas hu iffirmat.

Illi mill-atti ma jirrizultax illi meta l-imputat qasam it-triq u ghalhekk il-linji bojod kontinwi kien hemm xi traffiku iehor ghaddej u li ghalhekk is-sewqan tieghu kien wiehed ta' periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq u ghalhekk il-Qorti ser issib htija biss ta' sewqan traskurat. Illi konsegwentement u anke fuq ammissjoni tal-imputat stess it-tieni akkuza tirrizulta ippruvata.

Illi fir-rigward tat-tielet akkuza, l-imputat jinsab akkuzat bir-reat taht l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65, liema disposizzjoni tal-ligi hija distinta mill-artikolu 15B fejn hemmhekk il-ligi imbaghad issemmi l-livell tal-akohol fid-demm, urina jew fin-nifs. Illi l-prosekuzzjoni f'dana l-kaz ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kien taht l-

influwenza tal-akohol tant illi anke l-ufficjali tal-pulizija xammew riha ta' xorb fin-nifs tieghu u kien ghalhekk li gie deciz illi isirlu t-test tan-nifs. Ghaldaqstant il-fatt illi d-Dokument C ma huwiex iffirmat ma jwassalx sabiex il-Qorti tiskarta dina l-prova iktar u iktar peress illi l-istess dokument gie ikkonfermat mill-ufficjali tal-pulizija li ezegwewh. Ai fini tal-artikolu 15A t-test tan-nifs mhux necessarju ad validitatem ghal sejbien ta' htija. Fil-fatt l-artikolu 15E jiddisponi illi sabiex jistabilixxi jekk il-persuna hijiex taht l-influwenza tax-xorb, l-ufficjal tal-pulizija jista' jitolbu li jaghmel it-test tan-nifs u ghalhekk dana m'huwiex tassattiv.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a), 15A(1), 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 88 tal-L.S.65.11, issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza fis-sens illi s-sewqan tieghu kien wiehed traskurat biss kif ukoll tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' €1500.

Inoltre l-Qorti qed tordna illi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghandha tigi sospiza ghal zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------